31975L0502

L 228/26 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 29.8.1975

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI
## tal-25 Lulju 1975
## li tillimita l-bejgħ taż-żerriegħa tal-mellieġ taz-zokk lixx *(Poa Pratensis L.)* għal żerriegħa li ġiet ċertifikata uffiċjalment "Żerriegħa Bażika" jew "Żerriegħa Ċertifikata"

(75/502/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill tal-14 Ġunju 1966 [1] dwar il-bejgħ ta' żerriegħa tal-pjanta tal-għalf, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill tal-11 Diċembru 1973 [2], u b' mod partikolari Artikolu 3(3) tal-istess,

Billi d-Direttiva fuq imsemmija tippermetti l-bejgħ ta' żerriegħa bażika, ċertifikata u kummerċjali tal-mellieġ taz-zokk lixx (Poa Pratensis L.);

Billi Artikolu 3(3) tad-Direttiva jawtorizza lill-Kummissjoni biex tipprojbixxi l-bejgħ taż-żerriegħa tal-pjanta ta' l-għalf jekk ma tiġix iċċertifikata uffiċjalment bħala "Żerriegħa Bażika" jew "Żerriegħa Ċertifikata";

Billi l-Istati Membri issa jipproduċu ammonti suffiċjenti ta' żerriegħa bażika u ċertifikata sabiex jissodisfaw id-domanda għaż-żerriegħa tal-mellieġ taz-zokk lixx fil-Komunità;

Billi huwa konsegwentement xieraq li ma jibqax jiġi permess il-bejgħ tal-mellieġ taz-zokk lixx wara li l-ħażniet li rriżultaw mill-kondizzjonijiet ta' produzzjoni kurrenti jkunu ntużaw kollha;

Billi l-miżuri li hemm ipprovdut dwarhom f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Żerriegħa u Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, Ortikoltura u Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri jipprovdu li mill-1 ta' Lulju 1976 mhux ser jibqa' permess li tinbiegħ żerriegħa tal-mellieġ biz-zokk lixx (*Poa Pratensis L.*) jekk ma tkunx ġiet ċertifikata uffiċjalment bħala "Żerriegħa Bażika" jew "Żerriegħa Ċertifikata".

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom, mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1976, idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jinformaw mill-ewwel lill-Kummissjoni dwar l-istess.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 1975.

*Għall-Kummissjoni*

P. J. LARDINOIS

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66.
[2] ĠU L 356, tas-27.12.1973, p. 79.